Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Novembru 2026
(OR. en)

15173/26

AGRILEG 257
PESTICIDE 71

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	29 ta' Ottubru 2026
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	D117885/02
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'XXX li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livelli massimi ta' residwi għaċ-ċiklossidim, għall-etofumesat, għall-folpet, għall-mepikwat u għall-kwinmerak f'ċerti prodotti jew fuqhom

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument D117885/02.

Mehmuż: D117885/02

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, XXX
PLAN/2026/1732 Rev. 1
(POOL/E4/2026/1732/1732R1-EN.docx)
D117885/02
[…](2026) XXX draft

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'XXX

li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livelli massimi ta' residwi għaċ-ċiklossidim, għall-etofumesat, għall-folpet, għall-mepikwat u għall-kwinmerak f'ċerti prodotti jew fuqhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'XXX

li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livelli massimi ta' residwi għaċ-ċiklossidim, għall-etofumesat, għall-folpet, għall-mepikwat u għall-kwinmerak f'ċerti prodotti jew fuqhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1), il-punt (a), tiegħu,

Billi:

(1) Għal-livelli massimi ta' residwi ("MRLs") għas-sustanzi attivi ċiklossidim, etofumesat, folpet u kwinmerak ġew stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. Għas-sustanza attiva mepikwat, ġew stabbiliti MRLs temporanji fil-Parti A tal-Anness III ta' dak ir-Regolament.

(2) Rigward iċ-ċiklossidim, ġiet sottomessa applikazzjoni li titlob modifika tal-MRL eżistenti għall-għasel skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. Rigward l-etofumesat, ġiet sottomessa applikazzjoni bħal din għall-karrotti. Rigward il-mepikwat, ġiet sottomessa applikazzjoni bħal din għall-għasel.

(3) Rigward il-folpet, ġiet sottomessa applikazzjoni għal tolleranza tal-importazzjoni għall-banana abbażi tal-użi fl-Ekwador u f'El Salvador, skont l-Artikolu 6(2) u (4) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, u applikazzjoni oħra għall-għasel, skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(4) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ivvalutat dawn l-applikazzjonijiet u r-rapporti ta' evalwazzjoni li tħejjew mill-Istati Membri tal-Evalwazzjoni, u b'mod partikolari eżaminat ir-riskji għall-konsumaturi u, fejn rilevanti, għall-annimali, u tat opinjonijiet motivati dwar l-MRLs proposti[2]. Dawk l-

[1] ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2005/396/oj.

[2] Modifika tal-livell massimu ta' residwi eżistenti għaċ-ċiklossidim fl-għasel. EFSA Journal, 2026; 24 (5); e10093. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2026.10093.
Modifika tal-livell massimu ta' residwi eżistenti għall-etofumesat fil-karrotti. EFSA Journal, 2026; 24 (7); e10188. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2026.10188.
Modifika tal-livell massimu ta' residwi eżistenti għall-klorur tal-mepikwat fl-għasel. EFSA Journal, 2026; 24 (7); e10225. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2026.10225.
L-iffissar tat-tolleranza tal-importazzjoni għall-folpet fil-banana u l-modifika tal-livell massimu ta' residwi eżistenti fl-għasel. EFSA Journal, 2026; 24 (7); e10168. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2026.10168.

opinjonijiet bagħtithom lill-applikanti, lill-Kummissjoni, u lill-Istati Membri, u għamlithom disponibbli għall-pubbliku.

(5) Rigward l-applikazzjonijiet għaċ-ċiklossidim fl-għasel, għall-etofumesat fil-karrotti, għall-mepikwat fl-għasel u għall-folpet fil-banana, l-Awtorità kkonkludiet li d-data kienet xierqa biex jiġu derivati l-proposti tal-MRL għal dawn il-prodotti bażiċi li qed jiġu vvalutati. Għalhekk jixraq li l-MRLs mitluba jiġu stabbiliti fil-livelli rakkomandati mill-Awtorità. Rigward l-applikazzjoni għall-folpet fl-għasel, l-Awtorità kkonkludiet li l-prattika agrikola tajba li fuqha kien ibbażat l-MRL propost ma kinitx appoġġata biżżejjed mid-data sottomessa minħabba inkonsistenzi bejn ix-xejriet tal-applikazzjoni użati fil-provi tal-mini nofshom fuq il-post meta mqabbla ma' dawk definiti fil-prattika agrikola tajba kritika magħżula. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri qiesu li jixraq li jiġi stabbilit, bħala deċiżjoni dwar il-ġestjoni tar-riskju, MRL proviżorju għall-folpet fl-għasel għal-livell mitlub li ntwera li huwa sikur għall-konsumaturi Ewropej, u li tiddaħħal in-nota f'qiegħ il-paġna korrispondenti li tindika l-informazzjoni nieqsa u l-iskadenza għas-sottomissjoni tagħha.

(6) Rigward il-kwinmerak, l-MRLs proviżorji ġew stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/1321[3] għall-prodotti bażiċi tal-bhejjem (il-fwied, il-kliewi u l-ġewwieni li jittiekel tal-annimali bovini, tan-nagħaġ, tal-mogħoż u tal-ekwini (għajr il-fwied u l-kliewi)). Dawn l-MRLs proviżorji ġew stabbiliti sakemm tiġi sottomessa d-data konfermatorja mill-provi tar-residwi fuq il-pitravi ħelwin u tal-għenuq tal-pitravi tal-għalf, abbażi tal-opinjoni motivata[4] tal-Awtorità fil-qafas tar-rieżami tal-MRL skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(7) F'Lulju 2024, l-applikant isottometta d-data konfermatorja mitluba li tikkonċerna l-kwinmerak. L-Awtorità evalwat id-data konfermatorja sottomessa u ppubblikat opinjoni motivata[5]. L-Awtorità kkonkludiet li l-lakuna fid-data identifikata fir-rieżami tal-MRL ġiet indirizzata u li l-informazzjoni l-ġdida ppermettiet li jiġu kkonfermati l-MRLs proviżorji għall-fwied, għall-kliewi u għall-ġewwieni li jittiekel tal-prodotti bażiċi tal-annimali bovini, tan-nagħaġ, tal-mogħoż u tal-ekwini fil-livelli attwali. Għalhekk, jixraq li jinżammu l-MRLs eżistenti għal dawn il-prodotti bażiċi, u li jitħassru n-noti f'qiegħ il-paġna li jirrikjedu s-sottomissjoni ta' informazzjoni mill-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(8) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

---

[3] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/1321 tal-25 ta' Lulju 2022 li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-jon tal-fluworur, l-ossifluworfen, il-piroksulam, il-kinmerak u l-fluworur tas-sulfuril f'ċerti prodotti jew fuqhom (ĠU L 200, 29.7.2022, pp. 1–24, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/1321/oj).

[4] Opinjoni motivata dwar ir-rieżami tal-livelli massimi ta' residwi eżistenti għall-kwinmerak skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. EFSA Journal 2020;18(10):6257, https://doi.org/10.2903/j.efsa.2020.6257.

[5] Evalwazzjoni tad-data konfermatorja wara r-rieżami tal-MRL tal-Artikolu 12 għall-kwinmerak. EFSA Journal 2026;24 (7): e10189, https://doi.org/10.2903/j.efsa.2026.10189.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN